A.L. 35 ta' l-1992

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR
(KAP. 261)

Ordni ta' l-1992 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 7)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1992 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 7).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-23 ta' Marzu, 1992.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Dar bin-numru 50, Main Street, Għargħur.

(2) Flat numru 5, Blokk B, Sezzjoni Nru. 1, Qasam Hal Dmikki, Għaxaq (Tenement No. 69457).

(3) Dar bin-numru 1, Blokk A (Djar), Ta' Pascarella, Qormi (Tenement No. 70408).

(4) Dar bin-numru 5, Blokk 3, Triq Għeriexem, Rabat (Tenement No. 63926).

(5) Flat numru 5, Blokk J, Bieb 2, Għajn Qajjet, Rabat.

(6) Dar bin-numru 35D/36, St. Barbara Bastion, Valletta (Tenement No. 60013).